MT

TEATRU MALTA

Każin Sittin+

ĠAMBORÌ

# SEJĦA GĦAL DIRETTUR TAL-FESTIVAL

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI

REGION OF CULTURE 2024

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

KUNSILL REĠJONALI LVANT

DIVIŻJONI GĦALL-GVERN LOKALI

teatrumalta.org.mt



Ġamborì, 2023

**Teatru Malta hija l-ewwel kumpanija nazzjonali ta' Malta.**

Teatru Malta qed tfittex persuna ta' esperjenza u entużjasta li tista' toffri servizz ta' **Direttur** biex jipproduċi l-Festival Interġenerazzjonali ta' **Teatru Malta: Każin 60+**/**Ġambori**. Din il-persuna se tkun qed tikkoordina u tkompli tistabbilixxi dan il-festival u l-workshops tiegħu.

Id-Direttur tal-Festival se jwieġeb għad-Direttur Artistiku/ General Manager u għall-Production Manager allokat ta' Teatru Malta.

**Bażi**

Kuntratt ta' servizz abbażi ta' proġett
bi pjan flessibli, f'diskussjoni mad-Direttur Aristiku

**Tul tal-Kuntratt**

Sena - 2024

## X'inhuma Każin 60+ u Ġamborì?

**Każin60+/Ġambori** huwa proġett kreattiv ibbażat fuq id-dinja tat-teatru li jferraħ u jgħallem. F'dan il-proġett, atturi u nies mix-xena tat-teatru se jkunu qed imexxu gruppi biex flimkien jiksbu esperjenzi ġodda teatrali. Se jkunu mistiedna wkoll tuturi li se jkunu qed jaqsmu l-kompetenzi tagħhom fl-oqsma tal-arti u t-teatru.

B'logħob teatrali, spirtu pront, moviment, kant, qari u anke b'tagħlim ta' xi xeni u kitbiet qosra, dan il-proġett jiggarantixxi pjaċir għal kull min jieħu sehem. F'dan l-ispazju kreattiv se jiltaqgħu għadd ta' persuni minn mixjiet differenti tal-ħajja u se jservi ta' opportunità fejn jinbtu ħbiberiji ġodda. Minn sessjoni għal oħra, il-gruppi ġodda ta' atturi se jiksbu iktar esperjenza u jrabbu iktar kunfidenza, li tgħinhom għal meta jitilgħu fuq il-palk, jagħmlu xi diskors imma wkoll fil-ħajja ta' kuljum.

Iktar minn hekk, ir-riċerka għal ħajja aħjar turi wkoll li dawk li jibqgħu kreattivi, jibqgħu jitgħallmu u jibqgħu jidħlu għal sfidi ġodda anke meta jibdew jikbru, jiggwadanjaw minn benefiċċji kemm fiżiċi u anke psikoloġiċi.

↓ **Ġamborì, 2023**





## Dmirijiet u Responsabbiltajiet

- Tfassil, ippjanar, produzzjoni u direzzjoni artistika tal-eżekuzzjoni tal-festival f'isem Teatru Malta, f'kuntatt dirett mad-Direttur Artistiku/General Manager;

- Bini u implimentazzjoni tal-viżjoni artistika u l-istrateġija tal-festival, li tiffoka fuq l-ipprogrammar, kollaborazzjonijiet diversi, ikkummissjonar ta' xogħol ġdid, l-għażla tat-talent, il-kurazzjoni, żviluppi u produzzjoni tal-festival;

- Kuntatt dirett mal-kollaboraturi tal-programm u l-festival fuq l-iskedi u l-loġistika tal-proġett biex kulħadd ikun fi qbil u aġġornat dwar kull żvilupp;

- Ħidma diretta mal-Kap tal-Produzzjoni ta' Teatru Malta u l-Production Manager fuq kif se jiġi implimentat dan il-festival. F'kuntatt dirett mat-Tim tal-Produzzjoni f'kull aspett ta' ppjanar, skedar, ibbaġitjar, proposti għal fondi u għotjiet, postijiet għar-rappreżentazzjonijiet u networking;

- Direzzjoni tat-Tim Artistiku minn meta jibdew il-workshops u l-preparamenti sabiex jiġu ffaċilitati t-tħejjijiet ta' dawn ir-rappreżentazzjonijiet sa meta jintemm il-festival;

- Approvazzjoni tal-programm finali tal-festival, u l-abbozz ta' skripts magħżula, f'konsultazzjoni diretta mad-Direttur Artistiku/General Manager;
- Identifikar u avviċinar ta' organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi u entitajiet oħrajn li minnhom jista' jibbenefika l-programm tal-festival;

- Ħidma mat-tim tal-Marketing u l-Komunikazzjoni biex jiżgura li l-festival qed jiġi ppreservat u żviluppat f'konformità mal-ethos ta' Teatru Malta, u biex issir promozzjoni tal-Festival permezz ta' kwalunkwe mezz meħtieġ fuq pjattaformi nazzjonali u internazzjonali;

- Koordinazzjoni mat-tim ta' Teatru Malta biex isir abbozz ta' rapport annwali b'analiżi dettaljata ta' kif jiġi maħluq il-festival; u

- Ħolqien ta' relazzjonijiet sani, b'saħħithom u rispettabbli ma' kull istituzzjoni u persuni involuti fis-settur pubbliku li qed jappoġġjaw dan il-proġett b'modi diversi.

## Ħiliet u Kompetenzi

Sad-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet ta' din l-applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa li jkollhom:

- Esperjenza eċċezzjonali fejn jidħol l-ipprogrammar ta' festival b'portafoll li jixhed l-eċċellenza fil-kreattività artistika;
- Esperjenza siewja fit-teatru tal-komunità;
- L-abbiltà ta' ħidma u appoġġ f'ambjent ta' tim;
- Kapaċità ta' ħsieb b'mod organizzat u strateġiku, waqt li ma jiġix injorat l-ebda dettall ċkejken;
- Esperjenza li ta' xogħol mal-komunità anzjana/60+;
- Ħiliet analitiċi b'saħħithom ta' produzzjonijiet artistiċi;
- Għarfien u abbiltà ta' ħidma f'ambjent kompletament diġitali;
- Għarfien ġenerali ta' proċeduri li jseħħu f'ambjent ta' uffiċċju u ħiliet ta' kitba f'dawn l-oqsma;
- Esperjenza fit-tmexxija ta' proġetti u mmaniġġjar finanzjarju, b'ħiliet ta' organizzazzjoni, ippjanar u prijoritizzar tax-xogħol u tal-iskedar tiegħu kif jeħtieġu l-proġetti;
- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni, kemm bil-kliem u anke bil-kitba kemm fil-Malti u fl-Ingliż, flimkien ma' ħiliet tajba ta' IT;
- Ħila ta' osservazzjoni u tagħlim ta' ħiliet ġodda li għandhom x'jaqsmu ma' dan ir-rwol;
- Xhieda ta' għarfien u interess fis-setturi kulturali u kreattivi ta' Malta;
- Turija ta' entużjażmu meqjus u motivazzjoni li tħaddan il-viżjoni sostnuta minn Teatru Malta;
- Abbiltà ta' ħidma indipendenti u anke f'tim, taħt pressjoni, jekk ikun hemm il-ħtieġa; u
- Taħriġ fi ħtiġijiet edukazzjonali speċjali jitqiesu bħala vantaġġ.

## Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

- Esperjenza relevanti f'dan il-qasam, b'mod speċjali fejn jidħlu l-anzjani, u l-ħolqien ta' festivals fis-settur kulturali u kreattiv; u

- Grad fl-arti jew suġġetti relatati minn Università se jkun meqjus bħala vantaġġ (Il-kwalifikazzjonijiet u l-esperjenzi għandhom ikunu ppruvati b'ċertifikati u/jew testimonjanza, u kopji ta' dawn għandhom ikunu mehmuża mal-applikazzjoni)[1]

## Kundizzjonijiet Oħra

- Flessibbiltà li jaħdmu wkoll is-Sibtijiet u l-Ħdud u filgħaxijiet wara qbil reċiproku mad-Direttur Artistiku/General Manager; u

- Se jkunu mistennija li jaħdmu fit-tard jew is-Sibtijiet u l-Ħdud sabiex jintlaħqu l-miri fil-ħin.

[1] Ċertifikati oriġinali u/jew testimonjanzi għandhom dejjem ikunu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

L-applikazzjonijiet, flimkien mad-dokumenti meħtieġa, kampjun ta' xogħol kemm bil-Malti u anke bl-Ingliż u Curriculum Vitae ddettaljat għandhom jintbagħtu fuq **contact@teatrumalta.org.mt** sa mhux aktar tard mil-**1 ta' Marzu, 2024**.

Dawk li japplikaw għandu jkollhom numru ta' reġistrazzjoni tal-VAT validu. Min jintgħażel se jkun responsabbli għall-intaxxar relevanti u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali skont il-leġislazzjoni nazzjonali.

Applikanti eliġibbli se jkunu meħtieġa li jattendu intervista.

↓ **Ġamborì, 2023**





Ġamborì, 2023